TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 183/10-F

**Sharon Pace**

**vs**

**Roziqi Matroud Khalid Mohammed Abdullah**

Illum 28 ta' Mejju, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-23 t'April, 2010 fejn ir-rikorrenti talbet danni ta' tliet elef ewro (€3,000), rappreżentanti xogħol ta' twaħħil tal-madum, liema xogħol ma sarx sewwa.

L-intimat ippreżenta risposta bil-miktub għal din it-talba u attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda ġuramentata tal-intimat li huwa l-istess intimat, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa kien ingaġġa lill-intimat sabiex jagħmillu xogħol fil-post tiegħu ta' twaħħil tal-madum u rriżulta li x-xogħol sar kollu ħażin u ħafna xogħol ma kienx komplut.

L-intimat issottometta li x-xogħol sar skond is-sengħa u l-arti.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li ra r-ritratti u wara li sema' lill-partijiet, kif ukoll ra r-rapport tal-Perit Jesmond Mugliett, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lill-intimat iħallas is-somma ta' elfejn ewro (€2,000), bl-ispejjeż kontra l-istess intimat.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888